MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 501/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Micallef)**
**Vs**
**Frank Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Frank Portelli (ID no. 514744M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita` tieghu ta’ direttur u/jew segretarji ta’ kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` kummercjali “The Golden Shepherd Group Limited”, C 14948, b’indirizz registrat St. Philip’s Hospital, Santa Venera, Malta, u/jew bhala l-persuna li kont inkarigata mill-istess socjeta` kummercjali sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas l-pagi dovuti ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar, 2010 sal-31 ta’ Marzu, 2010 ammontanti ghal €2,294.64, u naqas li jhallas il-Weekly Allowance ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Ottubru 2009 u l-31 ta’ Marzu 2010 ammontanti ghal €121.16 li b’kollox

jammontaw ghal elfejn, erba` mija w hmistax-il Ewro tmenin centezmu €2,415.80 li kienu dovuti lil impjegata tas-socjeta` kummercjali hawn fuq imsemmija u cioe` lil Vanessa Sciberras.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 5, 22, 22(2), 23, 45, 46 u 47(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat ir-regolamenti 8 u 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, sabet lill-apellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett (3) xhur.
B'applikazzjoni ta' l-artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa zmien xahar ihallas lil Vanessa Sciberras is-somma ta' elfejn, erba` mija w hmistax-il Ewro u tmenin centezmu (€2,415.80).
B'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn u tlieta w hamsin Ewro u ghaxar centezmi (€253.10) liema ammont jirrapprezentaw l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Mill-atti ma tirrizultax ir-raguni ta' l-assenza ta' Vanessa Sciberras mix-xoghol meta din naqset li tirraporta ghax-xoghol fil-5 ta' Dicembru 2010 u l-gimghat u x-xhur sussegwenti.  Ic-certifikati medici gew rilaxxjati wara z-

zmien li ghalih l-appellant jinsab akkuzat li naqas li jhallasha l-paga. Fic-cirkostanzi, bir-rispett kollu dovut, legalment l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib l-appellant hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, l-ewwel ghaliex il-provi prodotti jindirizzaw l-istat ta' Vanessa Sciberras u ma kienu rilevanti proprju xejn ma l-akkuza migjuba kontra l-appellant, it-tieni ghaliex biex sabet lill-appellant hati ukkundannatu, l-Ewwel Qorti giet li sabitu hati ta' akkuza li biha qatt ma kien akkuzat, u t-tielet ghaliex anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant ma hallasx lil Vanessa Sciberras l-intitolament taghha ghal sick leave, fil-fatt ma gewx prodotti certifikati medici riferibbilment ghal meta din ma rrapurtatx ghax-xoghol fil-5 ta' Dicembru 2009, u tul iz-zmien kollu li ghalih li ghalih tirreferi din il-kawza, minhabba l-kundizzjoni taghha u l-anqas ma qaghdet ghad-direttivi medici li jidher li nghatawlha biex b'hekk l-intitolament ghal sick leave legalment ma jistax jissussti;

1. Illi fl-ewwel lok, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju u dejjem bl-akbar rispett, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati fuq l-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu ukoll ghaliex evidentement l-appellant qall ma kellu jew seta` kellu l-obbligu li "jhallas il-pagi dovuti ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Marzu 2010 ammontanti ghal €2,294.64" lil Vanessa Sciberras billi din qatt ma hadmet dak il-perjodu. Dato ma non concesso, u semplicement ghal skopijiet ta' argument, lis eta` jkun dovut xi forma ta' kumpens, dan certament ma kienx ta' "paga" ut sic kif imsemmi fl-akkuza izda, se mai, kumpens tas-sick leave ikkalkolat fuq il-paga li fi kwalunkwe kaz jammonta ghal paga shiha ta' tletin jum u nofs paga ghal tletin jum ohra skond Avviz Legali 155 ta' l-2010 u mhux tlett xhur paga shah.

Huwa ghalhekk li bir-rispett, l-appellant jissottometti li l-akkuza kif imressqa ma setghet qatt tigi ppruvata kontrih u huwa ma seta` qatt jigi kundannat li naqas milli jhallas paga u weekly allowances ta' tlett xhur ghaliex proprju l-ebda paga ma kienet dovuta izda, se mai, seta` biss ikun dovut kumpens ta' ghamla differenti (beneficcju tas-sick leave), ghal raguni totalment differenti li kellha tigi ppruvata mill-prosekuzzjoni – prova li l-prosekuzzjoni

naqset li taghmel – u certament mhux kif miktub fl-akkuza mressqa kontrih.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk sussidjarjament qatt irrizulta li kien hemm intitolazzjoni ghall-beneficcju tas-sick leave, naturalment l-ewwel haga kardinali u l-aktar importanti li kellha tibda billi tipprova l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz, kien l-intitolament jew id-dritt li Sciberras tipprecepixxi tali beneficcju. L-obbligu allegatament traskurat mill-appellant – il-hlas tal-beneficcju tas-sick leave ghall-2010 fl-import stabbilit mil-ligi – jitwieled minn kunsiderazzjoni u fatt ewlieni, ossia li l-impjegata in kwistjoni kienet marida jew fizikament mhux b’sahhitha skond il-ligi. Haga li fil-kamp penali jispetta naturalment lill-prosekuzzjoni li tipprova fil-grad rikjest mil-ligi.
Dan ma giex ippruvat. U qatt ma seta` jigi ppruvat. Anzi jezistu biss certifikati medici datati bosta xhur wara, li lanqas biss juru l-medical condition lanjata u certifikat iehor minn Doctor Carmen Portelli li jghid li fi tqala precedenti Vanessa Sciberras kellha kumplikazzjonijiet u sfortunatament wild prematur u li f’April 2010, hames xhur wara l-abbandun tal-post tax-xoghol hija rega` kellha riskju kbir fit-tqala dakinhar attwali.

Ghall-kuntrarju tezisti x-xhieda (qatt kontraddetta) tat-Tabib Portelli u x-xhud Jenny Portelli raq ghajnejhom lil Sciberras, li suppost kienet f’sitwazzjoni gravi tant li ma tirrapurtax ghax-xhgol, taghmel sforzi fizici relevanti u konsistenti f’facendi tad-dar u f’qadi ta’ kuljum. Quddiem l-Ewwel Qorti tfaccat ukoll kundizzjoni ohra li ghaliha precedentement qatt ma ngiebet bhala skuza talli Vanessa Sciberras ma rraportatx ghax-xoghol, li kienet qeghda tbati minn ansjeta` u depressjoni. L-ewwel darba li l-appellant sema biha din kien fl-Awla meta kienet qeghda tinstema l-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. L-espert mediku mqabbad mill-Ewwel Qorti ikkonstata li, mil-file mediku, Sciberras kellha toqghod “f’sodda tat-tajjar” – haga li l-appellant assolutament ma kienx jaf u qatt ma ntqal lilu. Anzi minn dak li ra hu (u korroborat minn Jenny Portelli) rrizultalu l-oppost. Facendi u qadi bi sforz fiziku relevanti – altru milli sodda tat-tajjar.

Issa lanqas hemm bzonn li wiehed jidhol f'aktar dettall minn dan. L-ewwel prova kardinali li kellha titressaq huwa li sa minn Dicembru 2009 Sciberras ma kienitx f'pozizzjoni li tidhol ghax-xoghol. U li din il-kundizzjoni ppersistiet fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu. Dawn l-atti huma totalment sprovvisti minn tali prova. U qatt ma seta` jkun hemm tali prova. Sciberras abbandunat il-post tax-xoghol u effettivament ippruvat tapprofitta ruhha minn sitwazzjoni li mmanipulat favuriha.

L-aggravju tal-appellant jista' jitqies taħt il-punti segwenti.

Illi ma tirriżultax ir-raġuni tal-assenza ta' Vanessa Spiteri għaliex iċ-ċertifikati ġew rilaxxjati wara ż-żmien li għalih jinsab akkużat. Il-provi ma kinux relevanti għall-akkuża. Il-Qorti sabitu ħati ta' akkuża li biha qatt ma kien akkużat. Ma ġewx prodotti ċertifikati mediċi għall-perjodu meta Vanessa Sciberras ma rrapurtatx għax-xogħol. Vanessa Sciberras qatt ma ħadmet il-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni u l-ammont dovut kellu jkun bħala kumpens għas-sickleave.

3. Kien l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li Vanessa Sciberras kienet marida fil-perjodu indikat. Quddiem l-Ewwel Qorti tfaċċat raġuni oħra li għaliha qabel ma nġiebet ebda skuża: li Vanessa Sciberras kienet qed tbati minn ansjeta' u depressjoni.

4. Rat il-fedina penali tal-appellat

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. Li mill-provi jirriżulta dan li ġej.

**Xhieda Prosekuzzjoni**

7. Vanessa Sciberras xehdet li hija kienet tibgħat iċ-ċertifikati tas-sick leave regolarment u qatt ma kienet irċeviet xejn u allura kkonkludiet li kollox kien sew. Imbagħad f’April kienet irċeviet ittra li kellha trodd xi flus lura għax l-appellant kein qalilha li ma kenitx intitolata għas-sick leave.  Hija baqgħet għaddejja bis-sickleave sakemm twieldet it-tarbija.  Qabel hija kellha tarbija u mititlha. Għalhekk il-ġinekoloġista tagħha kienet qaltilha biex teħodha ‘lightly.’ Hija kienet dieħla u ħierġa l-isptar u bdiet tibża’ li wkoll jekk taqbad flixkun ilma kien ser jiġrilha l-istess.  Kienet għamlet operazzjoni wkoll fit-13 ta’ Jannar 2010 u daħlet ħafna drabi fl-emerġenza.  Il-claim tagħha kien għal ammont ta’ 2415.80 Euros  Kienu marru jarawha Dr Portelli u l-mara tiegħu fil-25 ta’ Mejju 2010 fin-12.30pm.  Dak in-nhar kien hemm il-cleaner Charmaine Farrugia.  Hija ma kenitx qed tagħamel faċendi.

8. Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li ċ-ċertifikati maħruġa mill-ġinekoloġista tagħha kienet tibgħathom bil-posta St Philip’s Hospital u kienu jggħidu li kellha tqala b’kumplikazzjoni. Hi kienet tikkomunika man-nursing officer.  Meta kienu marru Dr and Mrs Portelli kienu sabuha bil-platt tal-weetabix ħa tiekol.  Kienet għamlet erba’ xhur ma toħroġx mid-dar ħlief minħabba raġunijiet mediċi.

9. Mario Gatt, uffiċjal fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrija u Impiegi ikkonferma l-kontenut ta’ fol 7 u 8 fejn hemm maħduma s-somma dovuta mill-Employer.  Huma kienu eżaminaw iċ-ċertifikati li kienu rċieva d-dipartiment tas-sigurta’ soċjali.  Id-dritt għas-sick leave jibda mad-data tal-impieg.  Minħabba d-Data Protection Act, id-dettalji tal-mard ikun mblokkati.

10. Fil-kontro-eżami dan ix-xhud qal li huma kienu qed jippretendu ħlas għal dak il-perjodu meta Vanessa Sciberras kienet ma tiflaħx.  It-talba kienet ‘gross’.

11. Jennifer Debono ikkonfermat li fil-perjodu in kwistjoni Vanessa Sciberras kienet taħdem ma-Golden Shepherd waqt li Chris Abela għar-Reġistrtur tal-Kumpaniji

kkonferma li Dr Frank Portelli kien direttur f’’The Golden Shepherd Group.’ (fol 106).

12. Dr, Carmen Portelli, resident specialist fid-dipartiment tal-Ġinekoloġija, ikkonfermat il-qagħda medika ta’ Vanessa Sciberras li kienet ġejja u sejra l-isptar u għalhekk ħarġetilha ċ-ċertifikati. Hija kkonfermat l-affidavit (fol 20)

13. Fil-kontro-eżami hija xehdet li kienet għamlet rapport fit-12 t’April, 2010 (fol 5, 109). Meta kienet toħroġ ċertifikat ta’ sick leave qatt ma kienet tiddiskuti mal-employer. Ix-xogħol ta’ Vanessa Sciberras kien wieħed ta’ strapazz. Hija tat ukoll ir-raġuni għala l-pregnancy kienet ‘high risk.’ Żiedet tgħid ukoll li xogħol ta’ nurse mhux xogħol ta’ receptionist.

14. Dr Mario Scerri ikkonferma r-relazzjoni tiegħu. Huwa qabel mal-parir li kienet tat il-ġinekoloġista. (fol 111).

**Xhieda Difiża**

15. L-appellant xehed li huma kienu bdew jirċievu ċ-ċertifikati tal-mard li kienu bblokkjati. Minkejja li kienu ċemplu lil Vanessa Sciberras diversi drabi, huma ma kienu rċevew ebda risposta. Iżda saru jafu li fit-tieni ġimgħa ta’ Jannar 2010, Vanessa Sciberras kienet marret barbecue. Kienet ukoll ġawdiet il-Milied.

16. Imbagħad fl-24 ta’ Mejju 2010 l-appellant u martu kienu marru d-dar ta’ Vanessa Sciberras. Sabu maid qed tnaddaf il-common parts u din qalet li ma kinitx rat lil Vanessa Sciberras. Meta telgħu fl-appartament sabu lil Vanessa Sciberras b’idejha mxarrbin u l-art imxarrba. Vanessa Sciberras kienet spjegatlu x’qaltilha t-tabiba waqt li l-appellant weġibha li setgħet qaltlu biex minflok id-dmirijiet tas-soltu, hija tagħmel xogħol aktar ħafif. Għalih it-tqala hija xi ħaġa normali. Da parti tiegħu kien lest li jħalliha taħdem bħala receptionist kieku qaltlu bis-sitwazzjoni. L-appellant baqa’ jinsisti li fiż-żmien meta Vanessa Sciberras ma kinitx qed tattendi għax-xogħol

huwa ma kienx jaf ir-raġuni għaliex. Huwa kien jaf ċerti affarijiet minn fuq il-facebook.

17. Xehdet ukoll Mrs Jenny Portelli li ikkonfermat li kienet marret id-dar ta' Vanessa Sciberras flimkien mal-appellant. Qabel dak in-nhar ma kinitx semgħet bil-problema. Kienu sabu lil Vanessa Sciberras bil-ħwejjeg tad-dar u bil-kmiem imxammrin u qaltilhom li kienet qed tagħmel ix-xogħol tad-dar.

Ikkonsidrat

**Dwar l-ewwel aggravju.**

18. Il-Qorti hija tal-fehma li saret il-prova li Vanessa Sciberras kienet qed tkun koperta b'ċertifikati ta' mard kemm minn dak li xehdet Vanessa Sciberras innifisha, dak li xehed l-appellanti kif ukoll minn dak li xehdet il-ġinekoloġista. Il-prova li persuna kienet marida mhux bilfors issir bil-preżentazzjoni taċ-ċertifikati. Tista' ssir b'mod ieħor ukoll. F'dan il-każ il-Qorti hija soddisfatta li l-prova saret minħabba li hemm tliet persuni qed jaqblu li dawn iċ-ċertifikati jew bagħtuhom, jew ireċvewhom jew kitbuhom.

19. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll din il-parti tal-ewwel aggravju.

20. Barra minn dan l-appellant lanqas huwa korrett fl-ewwel aggravju tiegħu meta jissottometti li fiċ-ċitazzjoni 'ma kellhomx pagi iżda xi forma ta' kumpens tal-mard.' Jekk wieħed jaqra l-liġi sew jinduna li l-Avviż Legali jgħid li impjegat huwa intitolat għal tletin jum sick leave :

*'less an amount equal to the sum set for sickness benefit entitlement at the rate established under the Social Security Act:*

*Provided that the first three days of any claim for sick leave shall be paid in full by the employer....*

*A whole time employee shall in every calendar year be entitled to the equivalent in hours of a further thirty days sick leave on half pay.'*

21. Il-Liġi mkien ma titlkellem dwar kumpens iżda titkellma dwar ħlas 'on full pay' jew 'on half pay.'

22. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll din (it-tieni) parti tal-ewwel aggravju.

**Dwar it-tieni aggravju**

23. L-appellant jissottometti li Vanessa Sciberras ma kinitx marida u li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li Vanessa Sciberras kienet marida.

24. Il-Qorti eżaminat dak kollu li qalet il-ġinekologa, Dr Mario Scerri kif ukoll Vanessa Sciberras.

25. Mix-xhieda u mir-rapport tal-ġinekologa, jirriżulta li kien hemm ċerti problemi mediċi matul it-tqala. Jiġifieri li din ma kinitx tqala tas-soltu iżda b'mawriet l-isptar, intervent kirurġiku u biża' reali u psikoloġiku li Vanessa Sciberras kienet ser titlef it-tarbija.

26. A fol 42 Dr Mario Scerri jikkonkludi hekk:

'Illi fl-opinjoni tal-esponent it-tabiba Carmen Portelli kienet ġustifikata illi tagħti parir lil Vanessa Sciberras li ma tattendix għax-xogħol.'

27. Il-Qorti qieset ukoll dak li xehed l-appellant dwar li ċ-ċertifikati jkunu mblukkati u allura min iħaddem ma jafx biex inhu marid l-impjegat. Dan jista' jnissel ċerta tħassib f'min iħaddem iżda wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll dak li jipprovdi d-Data Protection Act.

28. Ikkonsidrat ukoll dak li qal l-appellant dwar il-mawra tal-24 ta' Mejju 2010 fid-dar ta' Vanessa Sciberras. Fil-fehma tiegħu, (u kif imsaħħa mix-xhieda ta' martu) Vanessa Sciberras kienet qed tnaddaf id-dar u allura din mhux veru ma setgħetx taħdem ta' nurse. Dan il-fatt jista'

jkun minnu, iżda l-Qorti għandha quddiemha l-opinjoni ta' espert mqabbad mill-Qorti kif ukoll ix-xhieda u r-rapport ta' ġinekologa. Ma tistax tiskarta l-opinjoni meqjusa ta' wieħed u l-opinjoni medika tax-xhud l-oħra li kienet qed tieħu ħsieb l-impjegata u l-fatt li l-impjegata marret barbecue jew gawdiet f'xi waqtiet ma jbiddel xejn minn dan ix-xenarju.

29. Fl-aħħarnett l-appellant jissottometti li li kieku l-impjegata kkomunikat miegħu, kien joffrilha xogħol aktar ħafif. Fil-fehma tal-Qorti kien ikun aħjar kieku saret din il-komunikazzjoni u hekk għandhom jimxu r-relazzjonijiet bejn min iħaddem u min jaħdem. Iżda għal darb'oħra qed jingħad xorta waħda jibqa' jorbot l-obbligu li joħroġ mil-liġi li jridu jitħallsu l-paga dovuta u l-weekly allowance għall-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni

30. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Konklużjoni**

31. Il-Qorti qed tiċħad kull aggravju magħmul mill-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fit-18 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------